# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 11 ta' Settembru, 2024**

**RIKORS NRU: 80/2024 ISB**

**Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)**

**vs**

**Melita Limited C 12715**

**DIGRIET MOGĦTI IN CAMERA SKOND L-ARTIKOLU 12E(3) TAL-KAP 378 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA, WARA S-SMIGĦ LI NŻAMM NHAR IT-TNEJN 9 TA' SETTEMBRU 2024 IN SEGWITU GĦAR-RIKORS TAD-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) TAT-23 TA' AWISSU 2024 U R-RISPOSTA TA' MELITA LIMITED TAT-3 TA' SETTEMBRU 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tad-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) tat-23 ta' Awissu 2024 u li permezz tiegħu huwa talab lil din il-Qorti sabiex:

1. ***tordna l-ħruġ ta' miżuri intermedji skont l-artikolu 12E tal-Att fil-konfront tas-soċjeta' intimata sabiex is-soċjeta' l-intimata minnufih u għal dak il-perjodu stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, tiġi ordnata tagħti l-għazla lill-konsumaturi kollha kkonċernati (li ma ngħatawx l-opportunita' li jkollhom l-iskont fil-prezz), li jingħataw l-iskont fil-prezz bħall-konsumaturi li diga' nagħataw tali skont fil-prezz;***

2. ***tordna li s-soċjeta' intimata fi żmien prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, tagħti prova tal-konformita' tagħha mal-fuq imsemmija miżuri intermedji;***

3. ***timponi dawk il-penali stabbiliti fl-artikolu 106A tal-Att, inklużi wkoll penali għal kull jum li fih jkun hemm nuqqas ta' konformita' mis-socjeta' intimata mal-miżuri intermedji, anki fid-dawl tat-Tieni Skeda tal-Att, kemm-il darba jkun hemm ksur da parti tas-socjeta' intimata tal-fuq imsemmija miżuri intermedji; u***

4. ***tagħti dawk il-provvedimenti kollha li skont l-imsemmi artikolu 12E tal-Att, jidhrulHa xieraq.***

U dan wara li ppremetta s-segwenti:

1. *Illi dan ir-rikors ġuramentat qiegħed isir skont l-artikolu 12E tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta), hawnhekk aktar 'il quddiem imsejjaħ l-Att.*

2. *Illi fit-23 ta' Awissu, 2024 l-esponenti għarraf lis-soċjeta' intimata Melita Limited li nbdew investigazzjonijiet fil-konfront tagħha fir-rigward ta' ksur da parti tagħha tat-Taqsima VIII tal-Att (prattiċi kummerċjali mhux ġusti). Kopji tal-Avviz ta' bidu ta' Investigazzjonijiet u tal-konferma tan-notifika tal-imsemmi Avviz, huma hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. GS u Dok. GS1.*

3. *Illi jirrizulta li a tenur tal-fuq imsemmi artikolu 12E tal-Att hemm urġenza minħabba r-riskju ta' ħsara immedjata u serja lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u konsegwenzjalment hemm l-htiega li jinħarġu miżuri intermedji li japplikaw għal u matul dak il-perjodu stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti fil-konfront tas-socjeta' intimata, li skont l-artikolu 12E (4) tal-Att għandhom effett immedjat.*

4. *Illi s-soċjeta' intimata bagħtet lill-konsumaturi l-emails/ittri datati l-1 ta' Awissu, 2024 li jinkludu dawk li qiegħdin fid-Dok. A u Dok. B li huma annessi mal-fuq imsemmi Dok. GS (anness), u li bihom, fost affarijiet oħra, is-soċjeta' intimata ddikjarat rispettivament fis-segwenti estratti:*

   *A. "… . To enhance your connectivity, starting September 1st, 2024 we're upgrading your Fibre Powered Internet:*

   - *Download speed from 150 Mbps up to 500 Mbps*
   - *Upload speed from 15 Mbps up to 50 Mbps*

   *All for an additional €3 per month.*

   *From 1st September your current bundle will no longer be available. These specific terms and conditions can be found on MyMelita or from our shops. …"*

   *B. "… . To enhance your connectivity, starting September 1st, 2024 we're upgrading your Fibre Powered Internet download speed from 500 Mbps up to 750 Mbps all for an additional €3.50 per month.*

   *From 1st September your current Flexi Bundle will no longer be available. These specific terms and conditions can be found on MyMelita or from our shops. …"*

5. *Illi wara l-ħruġ tal-fuq imsemmija korrispondenza min-naħa tas-soċjeta' intimata, minkejja t-termini tassattivi imposti mis-soċjeta' intimata fuq il-konsumaturi, is-soċjeta' intimata arbitrarjament u b'aġir qarrieqi, iddeċidiet li tagħti skont fil-prezz biss lil dawk il-konsumaturi li kkomunikaw/ilmentaw magħha dwar il-fuq imsemmija żidiet fil-prezz. Għalhekk is-soċjeta' intimata qegħda anke tagħmel proċess selettiv fejn unilateralment qegħda tiddistingwi bejn konsumatur u ieħor bi preġudizzju għall-interessi kollettivi tal-konsumaturi.*

6. *Illi skont kif jirriżulta wkoll mill-korrispondenza (emails) li kien hemm bejn l-esponenti u s-soċjeta' intimata bejn it-2 ta' Awwissu, 2024 u d-19 ta' Awwissu, 2024 – li qeghda fid-Dok. Ċ li huwa anness mal-fuq imsemmi Dok. GS, is-soċjeta' intimata, fost affarijiet oħra, ġiet mgħarrfa li: "….This Office is in receipt of consumer enquiries claiming that after they informed Melita that they want to terminate the agreement they were then contacted by*

*Melita that they can keep their original contract without any increase in price…..”  (kif ġie muri fiċ-chat preżentat fl-ewwel email li ntbagħtet mill-esponenti lis-soċjeta’ intimata fit-2 ta’ Awwissu, 2024, u kif ukoll ikkonfermat minn email mibgħuta minn konsumatur datata l-1 ta’ Awwissu, 2024 li qeghda fid-Dok. D li huwa anness mal-fuq imsemmi Dok. GS), u “….Even if consumers are being given a ‘discount’ resulting in keeping the same price but with the higher speed, there are elements of unfair commercial practices, namely the imposition of new charges that are discounted for those consumers who complain, while being imposed on those consumers who do not complain. This behaviour leads to misleadingness and unfairness and is surely not in line with professional diligence and the law…..”; u fir-risposti tagħha s-soċjeta’ intimata ddikjarat li “… on a case by case basis and at Melita’s discretion, … Melita is offering loyal customers a discount.”; “In as far as customers who did not ‘voice their concern or complain’, I beg to differ. Consumers who have not reached out to Melita have undoubtedly understood the content of our letter and took their own decision.” u “… it remains Melita’s prerogative to provide a discount or otherwise.”.*

7. *Illi mill-premess u mid-dokumenti hawn annessi jidher li fl-aġir tas-soċjeta’ intimata hemm prattiċi kummerċjali mhux ġusti, eżerċitati kemm b’azzjonijiet u b’ommissjonijiet qarrieqa skont l-artikolu 51B tal-Att, li qieghed jigi nvestigat mill-esponenti, peress li l-imsemmi aġir tas-soċjeta’ intimata:*

   i. *jmur kontra l-ħtiġiet tad-diliġenza professjonali kif definita fl-artikolu 51A tal-Att, riżultanti fi ksur tal-artikolu 51B (2) (a) tal-Att;*

   ii. *joħloq distorsjoni sostanzjali jew jista’ joħloq distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika, fir-rigward tal-prodott, tal-konsumatur medju li lilu l-prattika kummerċjali tilħaq jew li lilu tkun indirizzata, riżultanti fi ksur tal-artikolu 51B (2) (b) tal-Att;*

   iii. *jagħti tagħrif falz, riżultanti fi ksur tal-artikolu 51C (a) tal-Att;*

   iv. *b’ xi mod, ukoll bil-preżentazzjoni totali tal-prattika kummercjali, iqarraq bil-konsumatur medju, ukoll jekk it-tagħrif ikun korrett fattwalment, fir-rigward tal-elementi msemmija fil-paragrafi (i), (ii) u (iv) tal-artikolu 51C (b) tal-Att, u li f’kull każ iġiegħlu jew x’aktarx iġiegħlu lill-konsumatur jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu*

*f'ċirkostanzi oħra, riżultanti fi ksur tal-artikolu 51C (b) (i), (ii) u (iv) tal-Att; u*

v. *iħalli barra tagħrif importanti li l-konsumatur għandu bżonn, sabiex jieħu deċiżjoni transazzjonali informata u għaldaqstant tikkawża li l-konsumatur jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra, riżultanti fi ksur tal-artikolu 51D tal-Att.*

8. *Illi fid-dawl tal-premess jirrizulta li hemm urġenza li jinħarġu miżuri intermedji a tenur tal-artikolu 12E tal-Att minħabba r-riskju ta' ħsara immedjata u serja lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi peress li ż-żiedet fil-prezz impost mis-soċjeta' intimata, fuq dawk il-konsumaturi li ma ngħatawx l-opportunita' li jkollhom l-iskont fil-prezz, jibdew fl-1 ta' Settembru, 2024, u dawn il-konsumaturi li ser ikollhom iħallsu prezz ogħħla ma ngħatawx mis-socjeta' intimata, l-ghazla li ngħataw skont fil-prezz bħal dak mogħti mis-soċjeta' intimata lil dawk li kkomunikaw/ilmentaw mas-soċjeta' intimata.*

9. *Illi l-esponenti jirrileva li kemm-il darba jinħargu l-miżuri intermedji, jkun meħtieġ li dawn jibqgħu japplikaw tul l-investigazzjonijiet li l-esponenti bdiet a tenur tal-artikolu 12 (1) tal-Att, u kemm-il darba dawn jaghtu lok għall-proċeduri ġudizzjarji kontra s-soċjeta' intimata skont l-artikolu 12 (5) tal-Att, ikun meħtieġ ukoll li tali miżuri intermedji jibqgħu fis-seħħ anki tul l-imsemmija proċeduri ġudizzjarji.*

10. *Illi skont l-artikolu 12E (5) tal-Att: "Kull persuna li tikser id-digriet li jordna l-miżuri intermedji għandha tkun soġġetta għal penali skont l-artikolu 106A" (tal-Att), liema artikolu jirriferi wkoll għat-Tieni Skeda tal-Att (li tinkludi l-paragrafu 8 li huwa specifikatament dwar ksur tal-artikolu 12E tal-Att u l-penali li għandha tiġi mposta).*

Rat id-<u>Digriet</u> provvizorju tagħha tat-23 ta' Awwissu 2024;

Rat ir-<u>Risposta</u> tas-soċjeta' intimata Melita Limited tat-3 ta' Settembru 2024, li permezz tiegħu kellha s-segwenti xi twieġeb:

***1.*** *Introduzzjoni*

1.1. *Ir-rikors (Ir-"Rikors DĠ") intavolat mid-Direttur Ġenerali (Affarjiet tal-Konsumatur) (Id-"DĠ") skont artikolu 12E tal-Att Dwar L-Affarjiet Tal-Konsumatur ("l-Att") jitlob lil din l-Onorabbli Qorti (paragrafu 1. tat-talbiet fir-Rikors DĠ) sabiex:*

*"tordna l-ħruġ ta' miżuri intermedji skont l-artikolu 12E tal-Att fil-konfront tas-soċjetà intimata sabiex is-soċjetà l-intimata minnufih u għal dak il-perjodu stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, tiġi ordnata l-għażla lill-konsumaturi kollha kkonċernati (li ma ngħatawx l-opportunità li jkollhom l-iskont fil-prezz), li jingħataw l-iskont fil-prezz bħall-konsumaturi li diġa' nagħataw skont fil-prezz;"*

1.2. *Is-soċjetà konvenuta tikkontesta it-talba għall-miżura intermedja u tiddikjara illi r-Rikors DĠ għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet segwenti, illi se jkunu elaborati iżjed il-quddiem f'din ir-risposta:*

i. *il-prassi illi jingħataw skontijiet mhix illegali (kwindi, mhix prattika kummerċjali mhux ġusta) u, għaldaqstant, it-talba li qed issir mid-DĠ għal 'miżura intermedja' hija infondata ai termini tal-liġi;*

ii. *mhux talli l-'miżura intermedja' qed tiġi mitluba mid-DĠ fuq bażi illi hija infondata ai termini tal-liġi, iżda talli tali miżura saħansitra tippreġudika d-drittijiet tas-soċjetà konvenuta ai termini tal-liġi, inkluż id-dritt illi tieħu sehem f'negozjati ad hoc mal-konsumaturi, u toffri skonti personalizzati lill-konsumaturi, kif tikkunsidra idoneu fl-interess kummerċjali tagħha; skonti personalizzati jew offerti għaż-żamma ta' konsumaturi hija, wara kollox, prassi kummerċjali komuni fis-setturi ekonomiċi kollha.*

iii. *'miżura intermedja' hija miżura intiża bħala soluzzjoni temporanja. Il-miżura proposta mid-DĠ mhijiex ta' natura temporanja u l-effetti tagħha huma permanenti.*

iv. *ma teżisti l-ebda urġenza minħabba riskju ta' ħsara immedjata u serja għall-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u d-DĠ naqas milli jipprova l-eżistenza ta' tali urġenza u ħsara immedjata u serja.*

v. *il-'miżura intermedja' illi qed tiġi mitluba mid-DĠ hija manifestament sproporzjonata.*

**2.** *Il-Fatti*

2.1. *Fl-1 t'Awwissu tas-sena 2024, is-soċjetà konvenuta bagħtet komunikazzjonijiet (il-"Komunikazzjonijiet") lil klienti rigward biddla f'ċertu termini u kundizzjonijiet illi kienu ser jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2024 (estratti minn żewġ tipi ta' Komunikazzjonijiet (skont is-servizz relevanti illi l-klient kien qed jirċievi) ġew riprodotti fir-raba' paragrafu tar-Rikors DĠ).*

2.2. *Qabel ma bagħtet il-Komunikazzjonijiet, is-soċjetà konvenuta kienet debitament provdiet abbozz tal-komunikazzjonijiet lill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (l-"AMK") għall-konsiderazzjoni tagħha skont ir-Regolamenti Ġenerali dwar in-Networks u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Leġislazzjoni Sussidjarja 399.48) (ir-"Regolamenti NSKE"). L-AMK kellha l-poter illi tiddetermina l-format, kontenut u kif jingħata l-avviż meħtieġ (il-Komunikazzjonijiet) ai termini tar-regolament 92(5) tar-Regolamenti NSKE.*

2.3. *Il-Komunikazzjonijiet kienu jinkludu s-segwenti:*

*"Need to chat with us? Drop a message on our website chat at melita.com or through Facebook Messenger or visit our shops. You can stop your service without any penalties and port out your phone number to another provider upon request within 30 days of this notice. We'll refund any advance payments either on your account, by bank transfer, or by cheque or cash if refund via bank transfer is not possible. In case you have monetary credit in your prepaid and/or hybrid account you may request a refund from Melita within 15 days after porting out."*

*2.4. Il-biddla fil-kundizzjonijiet kienet ibbażata fuq spejjeż ogħla marbuta mal-provvista ta' servizz aħjar, inklużi spejjeż ogħla għal fornimenti teknoloġiċi kif ukoll l-investiment kontinwu neċessarju mis-soċjetà konvenuta fl-infrastruttura diġitali ta' Malta.*

*2.5. Fit-2 t'Awwissu 2024, id-DĠ ikkomunika lis-soċjetà konvenuta tħassib tiegħu illi l-konsumaturi kellhom l-għażla illi jżommu l-pakkett ta' servizzi kurrenti tagħhom mingħajr ebda tibdil fil-prezz u li dan ma kienx qed ikun debitament irreklamat lill-konsumaturi. Għaldaqstant, id-DĠ talab lill-konvenuta sabiex toħroġ komunikazzjoni oħra fejn tikkjarifika illi l-konsumaturi kellhom ukoll l-għażla illi jżommu l-pakkett ta' servizzi kurrenti tagħhom mingħajr ebda tibdil fil-prezz, u li din l-għażla kellha tkun fuq bażi opt-in. B'żieda ma' dan, id-DĠ talab ukoll kjarifika rigward ilmenti ta' konsumaturi fejn dawn allegaw illi kienu qed jiġu mġiegħla biex jagħmlu upgrade għal 500Mbps minn 150Mbps għal spiża addizzjonali ta' €3 fix-xahar, meta l-konvenuta kienet qed toffri konnessjoni ta' 250Mbbps għall-istess prezz illi l-konsumatur kien qed iħallas għal 150Mbps.*

2.6. *Fl-istess jum, il-konvenuta kkjarifikat illi tali għażla (cioe li klijent jibqa fuq il-kuntratt eżistenti) ma kinitx disponibbli għaliex is-servizz kurrenti kien se jitwaqqaf. Is-soċjetà konvenuta spjegat illi xi live agents kienu taw x'jifhmu li dan kien possibbli. Madankollu, din il-komunikazzjoni kienet ġiet rettifikata immedjatament. L-aġent uffiċċjali tal-konvnuta, kwindi iċ-chat bot fuq is-sit tal-konvenuta, dejjem ipprovda l-informazzjoni korretta (vide Anness A).*

2.7. *Is-soċjetà konvenuta spjegat illi, skont il-każ u fid-diskrezzjoni tagħha, il-konvenuta kienet qed toffri skont lill- konsumaturi. Madankollu, ma kien hemm l-ebda għażla li wieħed jibqa' fuq is-servizz kurrenti li kien se jitwaqqaf u kwalunkwe konsumatur illi m'approfittax mid-dritt tiegħu illi jittermina s-servizz kien ser jingħata upgrade awtomatikament u kien ser jiġi impost fuqu prezz ġdid (f'xi każijiet, il-prezz skontat). Fir-rigward tat-tieni ilment (dwar pakketti ta' servizzi eżistenti bl-istess prezz iżda b'veloċità differenti), il-konvenuta spjegat illi tali konsumati ma kienux akkwistaw l-istess pakketti ta' servizzi. Il-konvenuta spjegat illi hija ma setgħetx timponi servizzi addizzjonali fuq konsumaturi (billi dan huwa illegali), u li f'każ ta' tibdiliet bħal dawk proposti mill-konvenuta, il-konvenuta kienet obbligata bil-liġi illi tipprovdi lill-konsumaturi bl-għażla l-iżjed simili għas-servizzi li kienu jingħataw qabel.*

2.8. *Id-DĠ u l-konvenuta bagħtu iżjed emails lil xulxin wara din ir-risposta, limitatament fuq il-fatt lis-soċjetà konvenuta kienet qed toffri skont fil-prezz. Is-soċjetà konvenuta spjegat illi dawk il-konsumaturi illi kienu ġew offruti skont mill-konvenuta kienu ser jinqalbu awtomatikament għal fuq veloċitajiet ġodda u li l-prezz totali u l-iskont applikat kien ser jintwera fil-kont u fis-sommarju tal-kuntratt*

*tat-tali konsumatur. Dan ma jħallix lok għal interpretazzjonijiet żbaljati.*

2.9. *Iż-żewġ kwistjonijiet hawn fuq imsemmija (f'paragrafu 2.6), wara l-kjarifika mogħtija mis-soċjetà konvenuta, ma baqawx rilevanti. L-unika kwistjoni kienet fuq l-iskont li kienet qed toffri s-soċjetà konvenuta.*

2.10. *Fit-13 t'Awwissu 2024, id-DĠ informa lill-konvenuta bis-segwenti:*

*".....Even if consumers are being given a 'discount' resulting in keeping the same price but with the higher speed, there are elements of unfair commercial practices, namely the imposition of new charges that are discounted for those consumers who complain, while being imposed on those consumers who do not complain. This behaviour leads to misleadingness and unfairness and is surely not in line with professional diligence and the law.*

*This email is being sent in terms of article 17 (1) (f) of the Malta Competition and Consumer Affairs Authority Act (Chapter 510 of the Laws of Malta), and hence Melita is hereby requested to remedy the situation by not later than Friday 16 August, 2024 end of business...."*

2.11. *Fis-16 t'Awwissu 2024, is-soċjetà konvenuta rrispondiet billi spjegat (għal darb'oħra) illi l-pakkett ta' servizzi antiki kienu qed jiġu mwaqqfin u servizz ġdid b'veloċitajiet ogħla kien ser jingħata. Is-soċjetà konvenuta spjegat ukoll, f'xi każijiet, hija qablet illi toffri ċertu skontijiet lil konsumaturi.*

2.12. *Fid-19 t'Awwissu 2024, id-DĠ irrisponda bis-segwenti:*

*"Further to your email, kindly note that this Office is not against the provision of discounts to customers, but such discounts if applied should be across the board and not to a selected number of consumers at Melita's prerogative, and for those customers who communicate with Melita. The discount is not only being applied to customers who were provided with incorrect information by Melita but to whom you call as loyal customers who again happen to communicate with Melita. This behaviour leads to misleadingness and unfairness and is surely not in line with professional diligence and the law.*

*Thus all customers should be given the opportunity to be provided with a similar discount. If no immediate remedial action is provided, this Office will have to proceed further in terms of the law."*

*2.13. Fit-23 t'Awwissu 20, il-konvenuta ġiet informata bl-investigazzjonijiet illi kienu ġew mibdija kontriha mid-DĠ rigward l-allegat ksur tat-Taqsima VIII tal-Att dwar l-Affarjiet tal-Konsumatur rigward prattiċi kummerċjali mhux ġusti.*

*2.14. Fis-26 t'Awwissu 2024, is-soċjetà konvenuta ġiet notifikata bir-Rikors DĠ.*

***3.*** *Id-Difiża*

*3.1. Is-soċjetà konvenuta tesponi bir-rispett illi t-talba magħmula permezz tar-Rikors DĠ għandha tiġi miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet esposti hawn taħt.*

*L-ebda prattika kummerċjali mhux ġusta*

*3.2. Biex tirnexxi t-talba, jeħtieġ illi d-DĠ l-ewwel jipprova, prima facie, illi s-soċjetà konvenuta qed twettaq prattiċi kummerċjali mhux ġusti.*

*3.3. L-investigazzjoni inizjata mid-DĠ, u t-talba magħmula mid-DĠ fir-Rikors DĠ, huma bbażati fuq il-fehma tat-DĠ illi l-offerta ta' skontijiet jeħtieġ illi ssir lill-konsumaturi kollha. Dan huwa rifless fil-komunikazzjonijiet mad-DĠ, fir-Rikors DĠ u fl-investigazzjoni hemm msemmija, u huwa spjegat fil-qosor fl-email tad-DĠ tad-19 t'Awwissu 2024, illi jgħid is-segwenti:*

*"Further to your email, kindly note that this Office is not against the provision of discounts to customers, but such discounts if applied should be across the board and not to a selected number of consumers at Melita's prerogative, and for those customers who communicate with Melita.*

*3.4. Id-DĠ jokkupa rwol statutorju stabbilit ai termini tal-Att u l-mandat tiegħu huwa limitat bid-dispożizzjonijiet tal-liġi. L-Att jipprojbixxi prattiċi kummerċjali mhux ġusti. Kwalunkwe azzjoni meħuda mid-DĠ jeħtieġ illi tkun oġġettivament ġustifikata skont id-dispożizzjonijiet tal-Att (kwindi, jeħtieġ illi tirrelata ma' prattika kummerċjali mhux ġusta) u mhux ibbażata fuq konsiderazzjonijiet suġġettivi, bħal dak li d-DĠ jikkundisra li huwa favur jew kontra. Id-DĠ kellu jispjega mhux dak li l-uffiċju tiegħu huwa favur jew kontra, iżda dak li huwa permess jew mhux permess fl-Att.*

*3.5. Il-Komunikazzjonijiet intbagħtu skont l-obbligi tas-soċjetà konvenuta ai termini tar-regolament 92(2) tar-Regolamenti NSKE. Tabilħaqq, l-*

*AMK tikkonferma r-rekwiżiti għal tibdiliet mill-fornituri fil-kundizzjonijiet kontrattwali fid-Decision Notice (Referenza tal-AMK: MCA-D/yc/23-4851) dwar ir-regoli applikabbli għal provdituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. La r-Regolamenti NSKE u lanqas l-imsemmija Decision Notice ippubblikata mill-AMK ma jimponi restrizzjonijiet rigward l-offerta ta' skonti (bħal offerti għaż-żamma ta' konsumaturi).*

3.6. *Għaldaqstant, il-Komunikazzjonijiet mhumiex reklami – huma komunikazzjonijiet illi huma meħtieġa li jintbagħtu ai termini tar-Regolamenti NSKE. Ai termini tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti NSKE, huwa permess illi konsumatur jiġi trasferit għal servizz ġdid bi prezz ġdid, sakemm jiġu mħarsa d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti NSKE. Ai termini tar-Regolamenti NSKE, jekk il-konsumatur ma jinformax lill-provditur tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi illi jixtieq iwaqqaf is-servizzi, il-konsumatur awtomatikament jiġi trasferit għas-servizz il-ġdid (sistema kontrattwali opt-out, għall-kuntrarju ta' opt-in).*

3.7. *Is-soċjetà konvenuta kienet ipprovdiet abbozzi tal-Komunikazzjonijiet lill-AMK qabel ma bagħtithom lill-konsumaturi. Is-soċjetà konvenuta implimentat it-tibdiliet kollha li ssuġġeriet l-AMK qabel ma l-Komunikazzjonijiet intbagħtu lill-konsumaturi u l-AMK ma qajmet l-ebda kwistjonijiet rigward dawn il-Komunikazzjonijiet wara li dawn ġew mibgħuta mis-soċjetà konvenuta lill-konsumaturi. Il-Komunikazzjonijiet kien fihom l-informazzjoni kollha illi s-soċjetà konvenuta kienet meħtieġa tipprovdi lill-konsumaturi affetwati mill-upgrades ai termini tar-Regolamenti NSKE.*

*3.8. L-intepretazzjoni tad-DĠ tat-Taqsima VIII tal-Att hija għal kollox skorretta. Hija l-prerogattiva tal-kummerċjant illi joffri skontijiet lil konsumaturi (b'mod selettiv) u hija l-prerogattiva tal-konsumatur illi jinnegozja skonti ma' kummerċjanti.*

*3.9. Kieku kellha tiġi aċċettata l-pożizzjoni tad-DĠ, dan jirriżulta f'sitwazzjoni għal kollox inkonċepibbli fejn il-kummerċjant huwa projbit milli joffri skonti skont il-każ (u kwindi fuq case-by-case basis) lill-konsumaturi tiegħu (inkluż sabiex iżomm konsumaturi), sakemm ma jikkuntattjax il-konsumaturi kollha u joffrilhom kollha l-istess skont.*

*Per eżempju, jekk bank jippubblika żieda fir-rati tal-interess tiegħu għal self fuq id-djar u konsumatur iċempel lill-bank u jinnegozja skont fuq dawn ir-rati, jekk napplikaw l-pożizzjoni tad-DĠ, il-bank jiġi meqjus illi qed jikser id-dispożizzjonijiet tal-Att jekk jipprovdi skont lil dan il-konsumatur, sakemm ma jkunx għamilha ċara lill-konsumaturi kollha illi hemm l-opportunità li jintalab skont, u jekk ma jkunx għamel dan, id-DĠ jordnalu sabiex jikkuntattja l-konsumaturi kkollha u jinformahom bil-possibilità li jottjenu t-tali skont.*

*3.10. Din l-interpretazzjoni, apparti li hija inkomprensibbli, la hija espressament prevista fl-Att, u wisq anqas tikkonforma mal-ispirtu tal-Att, jew tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali (Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunill tal-11 ta' Mejju 2005 – id-"Direttiva"), kwindi l-liġi tal-Unjoni Ewropea mil-liema ġiet trasposta t-Taqsima VIII tal-Att.*

*3.11. Fil-fatt, mhux talli l-applikazzjoni ta' prezzijiet personalizzati (spiss riferuti fil-liġi tal-Unjoni Ewropea bħala prezzijiet diskriminatorji) –*

*kwindi, fejn prezz ridott jew skontat jiġi offrut lil xi konsumaturi u mhux lil oħrajn – mhuwiex espressament projbit fl-Att jew fid-Direttiva, iżda hija prattika rikonoxxuta illi hija permessa (salv f'każijiet eċċezzjonali fejn hija espressament projbita, per eżempju f'każ ta' diskriminazzjoni a bażi ta' razza jew etniċità).*

*3.12. Il-Gwida dwar l-interpretazzjoni u applikazzjoni tad-Direttiva espressament jipprovdi illi diskrimazzjoni fil-prezzijiet – jiġifieri li jiġu applikati prezzijiet differenti lil konsumaturi jew gruppi ta' konsumaturi differenti għall-istess prodotti jew servizzi – mhuwiex projbit1:*

*"... Price discrimination is where a trader applies different prices to different consumers or groups of consumers for the same goods or services. The UCPD does not, as such, prohibit traders from price discrimination ..."*

*Drittijiet fundamentali tas-soċjetà konvenuta*

*3.13. Mingħajr preġudizzju għas-suespost – kwindi, illi l-prattika ta' prezzijiet personalizzati mhuwiex projbit – l-azzjonijiet tad-DĠ jikkonsistu fi ksur flagranti tal-libertà fundamentali ta' intrapriża tas-soċjetà konvenuta, hekk kif protetta ai termini tal-artikolu 16 tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali (il-"Karta").*

*3.14. B'mod speċifiku, id-Direttiva (UE) 2018/1972 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (id-"Direttiva KEKE")*

[1] Commission Notice – Guidance on the interpretation and application of Directive 2005/29/EC of the European Parliament and of the Council concerning unfair business-to-consumer commercial practices in the internal market (Text with EEA relevance) - C/2021/9320.

*toħloq qafas legali sabiex tiġi żgurata l-libertà biex wieħed jipprovdi networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, soġġetta biss għall-kundizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva KEKE u għal kwalunkwe restrizzjoni ai termini tal-artikolu 51(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewrpea (it-"TFUE"), partikularment il-miżuri rigward l-ordni pubblika, is-sigurtà pubblika u s-saħħa pubblika, u konsistenti mal-artikolu 52(1) tal-Karta.*

*3.15. Ai termini tal-artikolu 52 tal-Karta – kif interpretat mill-Qrati kompetenti – dritt fundamntali (inkluż id-dritt tal-intrapriża) jista' jiġi ristrett biss:*

*i. bil-liġi (aċċessibbli, ċara, korretta u prevedibbli); u*

*ii. jekk ir-restrizzjoni ġenwinament tilħaq l-objettivi ta' interess ġenerali jew tal-ħtieġa illi jiġu protetti d-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn; u*

*iii. jekk huwa neċessarju f'soċjetà demokratika (i.e. tilħaq il-kriterju ta' bżonn soċjali urġenti u huwa relevanti u suffiċjenti għall-iskopijiet ta' għan leġittimu.*

*3.16. L-ebda mil-kundizzjonijiet kumulattivi surriferiti ma ntlaħqu fil-każ preżenti. Biżżejjed wieħed isemmi illi m'hemm l-ebda liġi tal-Unjoni Ewropea ċara jew prevedibbli illi tipprojbixxi tariffi personalizzati.*

*3.17. Għaldaqstant, il-miżuri mitluba iservu biex jirristrinġu l-moviment liberu tas-servizzi, bi ksur tat-TFUE u kontra l-għan prinċipali tad-Direttiva.*

*3.18. Il-liġi tal-Unjoni Ewropea (liġi primarja, prinċipji ġenerali u liġi sekondarja), kif interpretata mill-Qrati kompetenti, tieħu preċedenza fuq kull liġi nazzjonali. Il-prinċipju tal-preminenza tal-liġi tal-Unjoni Ewropea hija element essenzjali tal-ordinament ġuridiku tal-UE (vide,*

*per eżempju, C-409/06 Winner Wetten GmbH v Bürgermeisterin der Stadt Bergheim ECLI:EU:C:2010:503, para. 61, u C-399/11 Stefano Melloni v Ministerio Fiscal ECLI:EU:C:2013:107, para. 59). Il-liġi primarja tal-UE tinkludi, inter alia, il-Karta.*

*Il-miżura intermedja kif proposta hija irriversibbli*

*3.19. 'Miżura intermedja' hija miżura ntiża solament bħala soluzzjoni temporanja.*

*3.20. Il-miżura proposta mid-DĠ mhijiex ta' natura temporanja u ijja irreversibbli.*

*3.21. It-talba tad-DĠ tikkonċerna dawk il-konsumaturi kollha li ma ġewx offerti skont fil-prezz u lis-servizzi li qed jingħataw ser jirċievu upgrade awtomatikament, b'żieda fil-prezz (naturalment sakemm dawn ma jiddeċiedux illi jwaqqfu s-servizzi kif intitolati jagħamlu) (il-"Konsumaturi Allegatament Affetwati").*

*3.22. Jekk, kif mitlub mid-DĠ, din l-Onorabbli Qorti kellha tordna lis-soċjetà konvenuta biex immedjatament toffri skont lill-Konsumaturi Allegatament Affetwati li huwa ugwali għall-iskont li kien offrut lil xi ftit konsumaturi oħra, tali deċiżjoni tkun waħda finali, u l-konsegwenzi ta' tali deċiżjoni jkunu irriversibbli. Dan ma jimpattax biss iż-żieda fil-prezz li tifforma l-materja tar-Rikors DĠ, iżda saħansitra kull żieda fil-prezz fil-futur.*

*3.23. Di più, in-natura permanenti tal-miżura intermedja għandha tkun enfasizzata wkoll fid-dawl tad-dritt ta' appell mid-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti. Infatti, in-natura għalxejn temporanja tal-miżura*

*proposta mid-DĠ hija evidenti anke meta wieħed jikkunsidra d-dritt tal-appell. Kieku din l-Onorabbli Qorti kellha taċċetta t-talba, u s-soċjetà konvenuta tappella d-deċiżjoni, u l-Qorti tal-Appell tħassar id-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, il-ħsara għas-soċjetà konvenuta tkun laħqet saret xorta waħda u ma jkun hemm l-ebda mod kif din il-ħsara tiġi mreġġa' lura. Ai termini tal-liġi, l-appell ma ma għandux ikollu l-effett li jissospendi l-miżura intermedja u s-soċjetà konvenuta jkollha effettivament tinnotifika l-konsumaturi kollha bl-iskonti illi tkun offriet lil xi ftit konsumaturi (li kienu lmentaw jew qalu li ser jitterminaw il-kuntratt) u toffrilhom l-istess skont. Jekk is-soċjetà konvenuta tikser id-digriet li jordna l-miżuri intermedji, għandha tkun soġġetta għal penali skont l-artikolu 106A tal-Att. Wieħed jassumi li dawn il-konsumaturi jitolbu l-iskont, u li allura s-soċjetà konvenuta jkollha temenda l-kuntratti tagħhom biex tirrifletti dan. Malli n-notifika tkun saret mis-soċjetà konvenuta, il-konsumatur ikun mgħarraf bil-possibilità illi jottjeni skont (fatt illi l-ebda sentenza tal-Qorti ma tkun tista' tbiddel) u dan it-tagħrif neċessarjament jaffetwa l-aġir tal-konsumatur fil-futur a detriment tas-soċjetà konvenuta.*

3.24. *Di più, tali miżura toħloq preċedent perikoluż fejn kwalunkwe kummerċjant (inkluż operatur ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, distributur tal-karozzi, bank, professjonista li jipprovdi servizzi professjonali, eċċetra) ikun prekluż milli joffri skont lil konsumatur mingħajr ma jinnotifika lill-konsumaturi l-oħra kollha li anke huma jistgħu jottjenu skont.*

3.25. *Id-dikjarazzjoni surriferita f'paragrafu 3.3 hawn fuq – jiġifieri illi huwa permess illi kummerċjant joffri skonti diment illi l-iskont huwa offrut lill-konsumaturi kollha – huwa kontradittorju, billi jekk l-iskont jiġi offrut indiskriminament u lill-konsumaturi kollha, il-kummerċjant*

*jista' jaqbad u sempliċiment jirrevedi l-prezz (billi wieħed jassumi illi kull konsumatur ser jaċċetta skont jekk dan jiġi offrut lilu).*

3.26. *Barra minn dan, mill-perspettiva ta' liġi kontrattwali, jekk wieħed jassumi illi tali tibdiliet kontrattwali kellhom jiġu effetwati a bażi ta' miżura intermedja ordnata minn din l-Onorabbli Qorti, ikun impossibbli għal soċjetà konvenuta illi tinjora jew anke tirrevoka l-prezzijiet il-ġodda ladarba dawn ikunu ġew maqbula kontrattwalment mis-soċjetà konvenuta u l-konsumaturi tagħha. Għaldaqstant, anke jekk id-deċiżjoni finali fuq il-mertu tingħata favur is-soċjetà konvenuta, is-soċjetà konvenuta tissogra illi tiġi marbuta bi skonti illi kienet ordnata toffri lil konsumaturi fil-perjodu intermedju.*

3.27. *In vista tas-suespost, il-miżura intermedja mitluba mid-DĠ fir-Rikors DĠ mhijiex ta' natura jew effett temporanju u għandha tiġi miċħuda.*

*Ebda urġenza u riskju ta' ħsara immedjata*

3.28. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma teżisti l-ebda "urġenza minħabba riskju ta' ħsara immedjata u serja għall-interessi kollettivi tal-konsumaturi" f'dan il-każ, u d-DĠ naqas milli jipprova l-eżistenza ta' tali ċirkostanzi.*

3.29. *Id-DĠ jallega illi teżisti urġenza billi l-biddla fil-kundizzjonijiet (inkluż iż-żieda fil-prezz) ser japplikaw mill-1 ta' Settembru 2024 u kwindi li l-Konsumaturi Allegatament Affetwati ser ikollhom iħallsu prezz ogħla għaliex ma ngħatawx l-opportunità mis-soċjetà konvenuta illi jottjenu skont ugwali għal dak provdut lil konsumaturi li kkomunikaw jew ilmentaw mas-soċjetà konvenuta.*

3.30. *It-tibdil fill kundizzjunijiet, kif kkommunikat fil-Kommunikazzjonijiet, saret tapplika mill-1 ta' Settembru 2024 (sakemm il-konsumatur m'għazilx li jittermina l-kuntratt, f'liema każ il-konsumatur ikun jew biddel il-fornitur tas-servizzi jew inkella għażel kuntratt ġdid mas-soċjetà konvenuta u bbenefika minn offerti promozzjonali li huma disponibbli għal konsumaturi ġodda).*

3.31. *Madankollu, iż-żieda fil-prezz ma tfissirx, minnha u fiha nfisha, illi hemm urġenza minħabba riskju ta' ħsara immedjata u serja għall-interessi kollettivi tal-konsumaturi.*

3.32. *Il-konsumaturi huma sempliċiment iħallsu għal żieda fil-veloċità illi, kieku ma riedux iħallsu għaliha, setgħu għażlu illi jaqilbu għal veloċità iżjed baxxa (u jħallsu prezz iżjed baxx), jew jitterminaw il-kuntratt u jittrasferixxu għal fornitur tas-servizzi ġdid, jew jidħlu f'kuntratt ġdid mas-soċjetà konvenuta u jibbenefikaw mill-offerti promozzjonali li kienu disponibbli.*

3.33. *Di più, il-ħlas taż-żieda fil-prezz għal servizz ijteb ma jikkonsistix fi 'ħsara serja'. Iż-żieda hija waħda raġonevoli, proporzjonali maż-żieda fil-veloċità u fl-ispejjeż. Is-settur tat-telekomunikazzjonijiet, billi huwa wieħed dinamiku u kompetittiv, esperjenza tnaqqis fit-tariffi fis-snin riċenti. Fl-istess waqt, l-industrija tat-telekomunikazzjonijiet tiffaċċja spejjeż iżjed ogħljin, inkluż dawk għal fornimenti teknoloġiċi illi saru ħafna iżjed għaljin minħabba t-tfixkil tal-katina tal-provvista, kif ukoll l-investiment kontinwu neċessarju mis-soċjetà konvenuta fl-infrastruttura diġitali ta;' Malta.*

3.34. *Id-DĠ naqas milli jipprova illi teżisti l-ħtieġa għal miżura intermedja. Is-soċjetà konvenuta tesponi illi d-DĠ ma setax jagħmel dan, billi tali ħtieġa ma teżistix.*

*Il-miżura proposta hija sproporzjonata*

*3.35. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk it-talba magħmula mid-DĠ mhijiex miċħuda għal waħda jew iżjed mir-raġunijiet suesposti, jeħtieġ illi din l-Onorabbli Qorti tanalizza l-proporzjonalità tal-miżura proposta.*

*3.36. Kwalunkwe miżura intermedja proposta ai termini tal-artikolu 12E. tal-Att jeħtieġ illi tkun proporzjonata. Dan huwa evidenti mill-formulazzjoni tal-arikolu 12E.(4) tal-Att innifsu, illi jipprovdi illi kwalunkwe parti aggravata tista' tintavola rikors quddiem il-Qorti tal-Appell dwar "il-legalità, inkluż il-propozzjonalità tal-miżura intermedja" [enfasi miżjuda].*

*3.37. Il-prinċipju ta' proporzjonalità huwa prinċipju ben stabbilit fil-liġi tal-Unjoni Ewropea u fil-każistika stabbilita tal-Qorti tal-Ġustijzza Ewropej ("QĠUE") (vide, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Corporación Dermoestética, C-500/06, EU:C:2008:421, paragrafu 32; tat-22 ta' Jannar 2015, Stanley International Betting and Stanleybet Malta, C-463/13, EU:C:2015:25, paragrafu 45; u tat-28 ta' Jannar 2016, Laezza, C-375/14, EU:C:2016:60, paragrafu 21).*

*3.38. Di più, skont il-każistika stabbilita tal-QĠUE, l-istat membru (inklużi l-qrati u l-awtoritajiet tiegħu) għandhom fuqhom l-onoru illi jipprovaw illi r-restrizzjoni hija proporzjonata (vide, per eżempju, C-14/02, C-270/02, C-170/04, C-254/05, C-265/06, C-98/14 u C-333/14). Għaldaqstant, l-oneru ma jaqax fuq is-soċjetà konvenuta.*

*3.39. L-oneru jaqa' fuq id-DĠ illi juri illi l-miżura intermedja, apparti illi hija neċessarjament legali (illi, kif spjegat hawn fuq, is-soċjetà konvenuta*

*ssostni li mhuwiex il-każ), hija wkoll l-iżjed miżura adattata ai fini tal-għan intiż u li ma taqbiżx il-limitu tan-neċessità (vide, f'dan ir-rigward, is-sentezi tat-12 ta' Settembru 2013, Konstantinides, C-475/11, EU:C:2013:542, paragrafu 50, u l-każistika ċitata; tal-5 ta' Ġunju 2007, Klas Rosengren, C-170/04).*

*3.40. Jekk hemm għażla bejn numru ta' miżuri adattati, id-DĠ kien imissu rrikorra għall-miżura li kienet l-inqas onoruża. B'kull rispett dovut, il-bażi tar-Rikors DĠ illi kwalunkwe skont offrut lil konsumatur jeħtieġ li jkun offrut ukoll lill-konsumaturi kollha l-oħrajn, u li l-kummerċjant jeħtieġ illi jinforma lill-konsumaturi kollha l-oħrajn b'din il-possiblità, mhux talli hija waħda difettuża legalment, iżda saħansitra tfisser ukoll illi l-ebda miżura intermedja temporanja jew proporzjonata mhi possibbli.*

*3.41. Għaldaqstant, f'dan il-każ, il-ġustifikazzjoni tal-miżura proposta mid-DĠ (anke kieku kellha titqies bħala waħda legali) tfalli wkoll mill-perspettiva tal-prinċipju tal-proporzjonalità.*

*3.42. L-obbligu illi s-soċjetà konvenuta toffri skonti lill-konsumaturi kollha tagħha mhux talli hija irraġonevoli u irriversibbli, iżda saħansitra tqiegħed piż mhux dovut fuq il-kummerċ. Din il-pożizzjoni timmina ir-raġunament proprju wara l-biddla fil-kundizzjonijiet propose mis-soċjetà konvenuta u li għandha d-dritt illi timplimenta, u ma tikkunsidrax il-possibilità ta' alternattivi inqas restrittivi illi setgħu jilħqu l-istess oġġettivi mingħajr ma jimponu konsegwenzi tant sinjifikanti u irriverisibbli.*

*3.43. Għaldaqstant, il-miżura intermedja mitluba mid-DĠ hija sproporzjonata u għandha tiġik miċħuda.*

*4. Konklużjoni*

*4.1. Finalment, is-soċjetà konvenuta tiddikjara bir-rispett illi, għar-raġunijiet suesposti, din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talba magħmula fir-Rikors DĠ, a spejjeż tad-DĠ.*

*4.2. Is-soċjetà konvenuta tinnota illi, ai termini tal-artikolu 12E(3) tal-Att, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeċiedi fuq ir-Rikors DĠ jew in camera jew wara li tkun semgħet l-avukati tal-partijiet, kif jidhrilha xieraq.*

*4.3. Is-soċjetà konvenuta titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, in vista tal-implikazzjonijiet serji, materjali u irriverisibbli tal-miżura intermedja mitluba mid-DĠ fir-Rikors DĠ, tisma' l-avukati tal-partijiet qabel ma tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni.*

Rat id-Digriet provviżorju ulterjuri tagħha tat-3 ta' Settembru 2024 minn fejn jirriżulta illi r-rikors ġie appuntat għas-smigħ għal nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru 2024;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma fid-9 ta' Settembru 2024 u semgħet it-trattazzjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat :**

Illi dan huwa rikors li tressaq mir-rikorrenti Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) ai termini tal-**Artikolu 12E tal-KAP 378** tal-Liġijiet ta' Malta, hekk imsejjaħ l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur.

Illi l-artiklu msemmi jaqra hekk:

*12E. (1) F'każijiet ta' urġenza minħabba r-riskju ta' ħsara immedjata u serja lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi, id-Direttur Ġenerali jista', f'kull stadju waqt l-investigazzjoni mibdija skont l-artikolu 12, jew f'kull stadju waqt il-proċedimenti ġudizzjarji mibdija skont l-artikolu 12(5), jippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ċivili fejn jitlob li jinħarġu miżuri intermedji għal dak il-perjodu stabbilit mill-Qorti Ċivili sabiex il-persuna konċernata tirrimedja s-sitwazzjoni.*

*(2) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-persuna konċernata li għandha, fi żmien tmint ijiem min-notifika, tippreżenta risposta biex tipproponi r-rimedji jew biex tikkontesta t-talba għall-miżuri intermedjiu tipprovdi r-raġunijiet għal dan.*

*(3) Il-Qorti Ċivili għandha tiddeċiedi fuq ir-rikors b'urġenza in camera jew wara li tisma' l-avukati tal-partijiet, skont kif hija tqis xieraq, b'dana illi ma għandhiex tiġi ffissata aktar minn seduta waħda għal dan il-għan.*

*(4) Id-digriet tal-Qorti Ċivili li bih tordna l-ħruġ tal-miżuri intermedji għandu jkun eżegwibbli mid-data ta' meta jingħata u għandu jibqa' fis-seħħ għal dak il-perjodu ta' żmien stabbilit mill-Qorti Ċivili.Jista' jsir appell mill-miżuri intermedji imposti mill-Qorti Ċivili skont is-subartikolu (1) mill-parti aggravata permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell fi żmien sitt (6) ijiem mid-data ta' dak id-digriet dwari l-legalità, inkluża l-proporzjonalità tal-miżuri intermedji, u l-parti li kontra tagħha dan ir-rikors huwa ppreżentat għandha tirrispondi għalih fi żmien sitt (6) ijiem mid-data tan-notifika ta' dan ir-rikors:*

*Iżda appell ippreżentat skont dan is-subartikolu ma għandux ikollu l-effett li jissospendi kwalunkwe miżuri intermedji imposti mill-Qorti Ċivili:*

*Iżda wkoll il-Qorti tal-Appell għandha tiddeċiedi fuq ir-rikors imressaq skont dan is-subartikolu b'mod spedjenti.*

*(5) Kull persuna li tikser id-digriet li jordna l-miżuri intermedjigħandha tkun soġġetta għal penali skont l-artikolu 106A.*

Minn qari ta' dan l-artikolu għalhekk il-Qorti tifhem, u hekk ġie spjegat fit-trattazzjoni, illi d-Direttur Ġenerali rikorrenti għaddej bl-investigazzjonijiet tiegħu u għalhekk illi ressaq l-odjern rikors.

Il-Qorti tifhem ukoll minn qari tar-risposta tas-soċjeta' intimata Melita Limited, illi hija għażlet illi tikkontesta t-talba aktar milli tipproponi rimedji. Il-Qorti tqis illi s-soċjeta' intimata kellha kull dritt iżżomm il-pożizzjoni tagħha u dan bl-ebda mod mhu ser jinfluixxi lill-Qorti fit-teħid tad-deċiżjoni tagħha.

Fi kwalunkwe każ, il-mansjoni ta' din il-Qorti f'dawn l-odjerni proċeduri hija biss biex tara jekk hemmx *ir-riskju ta' ħsara mmedjata u serja lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi* pendenti l-investigazzjonijiet msemmija u proċeduri li għad jistgħu jittieħdu, u f'każ affermattiv, tieħu miżuri intermedji skond il-liġi.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi r-rikorrent Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) isostni illi fit-23 ta' Awissu 2024, is-soċjeta' Melita Limited kienet infurmata illi kien hemm investigazzjoni dwar prattiċi ta' kummerċ mhux ġust da parti tagħha ai termini tat-Taqsima VIII tal-Att imsemmi.

Isostni illi għalhekk kien neċessarju, minħabba r-riskju ta' ħsara mmedjata u serja lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi illi jintalbu miżuri intermedji.

Id-Direttur rikorrenti jispjega illi l-isfond fattwali għat-talba tiegħu tmur lura għall-1 ta' Awissu 2024, meta Melita Limited avżat lill-klijenti tagħha illi b'effett mill-1 ta' Settembru 2024, hija kienet ser ittejjeb il-konnettivita' tal-internet billi,

- tagħmel *upgrade* fuq il-*fibre powered internet*;
- id-download speed minn 150Mbps jilta' għal 500Mbps;
- l-upload speed minn 15Mbps jitla' għal 50Mbps;
- b'effett mill-1 ta' Settembru, il-*bundle* kurrenti jingħalaq u jintemm,

U dan b'zieda ta' €3 fix-xahar skont il-każ.

Id-Direttur rikorrenti jirreferi ukoll għall-prodott magħruf bhala **Flexibundle**, illi b'effett mill-1 ta' Settembru 2024 kellu jara żieda ta' €3.50 fix-xahar, peress illi s-servizz kien ser jitjieb billi d-*download speed* minn 500Mbps jilta' ghal 750Mbps, u b'effett mill-istess data, il-bundle kurrenti jingħalaq u jintemm.

Id-Direttur rikorrenti jsostni illi s-soċjeta' intimata, b'mod arbitrarju u qarrieqi, tat skont (discount) fil-prezz BISS lil dawk il-konsumaturi illi kkomunikaw magħha dwar iż-żieda fil-prezz. Għalhekk isostni illi Melita Limited għamlet proċess selettiv u ddistingwiet bejn l-interess kollettiv tal-konsumaturi.

Isostni illi daħlu rapporti ta' konsumaturi li rraportaw illi wara t-talba għat-terminazzjoni tas-servizz, Melita Limited kienet infurmathom illi setgħu jżommu l-istatus quo mingħajr żieda fil-prezz.

Isostni għalhekk illi hemm elementi ta' *unfair commercial practices*, partikolarment illi hemm tarriffi ġodda skontati għal min ilmenta filwaqt illi mhumiex skontati għal min ma lmentax. Meta Melita plc kienet irrispondiet billi qalet illi hija għandha d-dritt illi tagħti skont lil *loyal customers* u hija prerogattiva tagħha lil min tagħti skont, apparti mill-fatt illi dawk li ma rrispondewx aċċettaw il-miljorament fis-servizz versu ż-żieda fil-prezz – id-Direttur rikorrenti baqa' jsostni illi din mhix prattika diliġenti u legali u li hemm prattiċi żbaljati ai termini tal-Artikolu 51B li qed jiġu nvestigati.

Huwa f'dan il-kuntest illi d-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) jsostni illi huwa meħtieġ illi jingħataw il-mizuri intermedji peress illi jezisti r-riskju ta' ħsara immedjata u serja lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi peress illi ż-żidiet fil-prezz impost fuq dawk li ma kellhomx l-opportunita' li jkollhom skont bdew fl-1 ta' Settembru 2024 u l-miżuri jibqgħu viġenti tul il-kors tal-investigazzjoni u anke proċeduri legali li jistgħu jittieħdu ai termini 12(5) tal-Att.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Min-naħa tagħha, is-soċjeta' intimata Melita Limited tgħid illi l-prassi li jingħataw skontijiet mhix illegali u l-miżuri intermedji jinterferixxu fid-dritt ta' soċjeta' illi tidħol f'arranġamenti mal-klijenti tagħha, toffri skonti personalizzati jew offerti għaż-żamma ta' konsumaturi. Issostni illi l-miżuri intermedji mitluba mhumiex miżuri temporanji imma miżuri perpetwi. Ukoll illi r-rikorrent ma ppruvax ir-riskju ta' ħsara mmedjata u serja għall-interessi kollettivi tal-konsumaturi, ħaġa li fil-fatt diffiċli jagħmel peress illi ma teżistix. Finalment issostni illi l-miżuri intermedji mitluba huma manifestament sproporzjonati.

Din id-difiża, is-soċjeta' intimata tpoġġiha fil-kuntest tal-fatti kif minnha esposti, u cioe':

Illi fl-1 ta' Awissu 2024, hija kienet bagħtet komunikazzjonijiet lill-klijenti tagħha skond is-servizzi offruti, liema komunikazzjoni kienet fil-forma ta' abbozz intbaghatet lil Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (AMK) minn qabel. Tispjega illi l-komunikazzjoni kienet tinkludi *notice* biex il-konsumatur jikkomunika mal-Melita jekk iħoss il-ħtieġa.

Is-soċjeta' intimata tgħid illi l-għada, 2 ta' Awissu, ir-rikorrenti kien għarrafha illi l-fatt li konsumatur seta' jżomm l-istatus quo ma kienx irriklamat u talab lil Melita toħroġ avviż ieħor biex il-konsumatur ikollu l-għażla *opt-in* li jżommu l-istatus quo.

Issostni illi hija kkjarifikat illi ma kienx possibbli li jinżamm l-istatus quo u dik kienet informazzjoni żbaljata li taw xi *live agents* imma mhux Melita direttament. Kull konsumatur kien ser ikollu *upgrade* tas-servizz versu żieda fil-prezz u kienet qed toffri skont skond il-każ u fid-diskrezzjoni tagħha u l-qalba għas-servizz upgraded u l-prezz imħallas, skontat jew le, kien ser ikun rifless fil-kont u fis-sommarju tal-kuntratt.

Is-soċjeta' intimata tgħid illi għalhekk kien jidher illi l-iskont baqa' l-problema – għaliex jidher illi kien issa paċifiku illi s-servizz ta' qabel ma setax jibqa' jiġi offrut u kulħadd kien ser igawdi mill-upgrade fis-servizz.

Is-soċjeta' intimata tgħid illi d-Direttur rikorrent ma kienx kontra l-għoti ta' skonti, imma, kif jirriżulta minn korrispondenza tiegħu stess tad-19 ta' Awissu 2024 - *such discounts if applied should be across the board and not to a selected number of consumers at Melita' prerogative, and for those customers who communicate with Melita……… All customers should be given the opportunity to be provided with a similar discount.*

Issostni illi ma teżisti l-ebda prattika kummerċjali mhux ġusta u ma hemm ebda prova, lanqas *prima facie*, ta' dan. Issostni illi hija ma wettqet ebda prattiċi kummerċjali mhux ġusti u tqis illi prattika ta' prezzijiet personalizzati mhux projbit iżda interferenza f'dan jikser id-dritt ta' soċjeta' kummerċjali.

Is-soċjeta' intimata ssostni finalment illi l-miżura intermedja proposta hija rriversibbli u mhix soluzzjoni temporanja u filwaqt illi toħloq preċedent ikrah u rriversibbli, jekk l-iskont jingħata b'mod indiskrimat, allura ikun opportun illi tbaxxi l-prezz mill-ewwel u ma jibqax skont, u l-konsumatur jiġi deprivat mill-possibilita' illi jgawdi minn skont.

Finalment, is-soċjeta' intimata ssostni illi ma hemm ebda urġenza u r-riskju ta' ħsara immedjata u serja għall-interessi kollettivi tal-konsumatur ma teżistix, anke għaliex kull konsumatur kellu l-jedd illi jwaqqaf il-kuntratt. Issostni illi l-miżura

proposta hija sproporzjonata meta l-liġi tirrikjedi illi jeħtieg illi miżura tkun proprozjonata u għandu jkun id-Direttur illi jfiehem kif hija proporzjonata.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi matul it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet, ngħad illi kien hemm mal-ħamsin elf konsumatur milqut mit-tibdil illi seħħ b'effett mill-1 ta' Settembru 2024 u li minnhom, madwar tlett elef konsumatur ngħataw skont fid-diskrezzjoni tal-kumpannija.

Fuq domanda tal-Qorti, l-abbli difensuri tal-partijiet ikkonfermaw ukoll illi l-pern tal-kwistjoni ma kinitx l-għoti ta' skonti *per se*, iżda illi tali skonti ngħataw lil uħud biss mill-klijenti u mhux lil kulħadd, mingħajr ma ġew riklamati, sabiex b'hekk mhux il-klijenti kollha ngħataw l-opportunita' illi jibbenefikaw minn skont.

Ir-rikorrent sostna illi aktar ma l-konsumatur huwa parti vulnerabbli fuq kuntratti ta' din in-natura, aktar huwa meħtieg illi meta jinħarġu avviżi ta' tibdil fil-kuntratt, aktar allura għandha tingħata l-informazzjoni kollha u sħiħa. Isostni illi l-iskonti ngħataw lil uħud mill-konsumaturi u mhux lil kulħadd u għalhekk kienet neċessarja t-talba għal miżuri intermedji peress illi r-rikorrent la ried illi tinħoloq xi prassi bħal din u lanqas illi jkun hemm ħsara immedjata u serja. Ir-rikorrent sostna illi jibqa' fondamentali illi jkun hemm iċ-ċarezza meta jkun hemm avviżi bħal dawn in kwisjtoni u li ma jinħoloqx preċedent, peress illi ma għandux ikun illi terġa' tiġri fil-futur.

Min-naħa tagħha, is-soċjeta' intimata sostniet illi hija qed tieħu l-pożizzjoni illi tikkontesta dak allegat fil-konfront tagħha għaliex ma hemm ebda prattika lleċita jew mhux etika f'dak li għamlet – u dan għad trid tipprovah fil-forum adatt meta u jekk ir-rikorrenti jsib illi għandu jieħu azzjoni legali ulterjuri u/jew fil-kors tal-investigazzjoni illi qed tinżamm. Issostni illi għall-finijiet ta' dawn l-odjerni proċeduri, huma monki ż-żewg rekwiziti illi trid il-liġi, cioe', (a) l-urġenza, u dan peress illi issa ormai it-tibdil daħal fis-seħħ, u (b) il-ħsara mmedajta u serja, u dan peress illi jekk jittieħdu proċeduri legali kif fuq imsemmi, il-Qorti kompetenti jkollha d-dritt illi tirreverti kollox, tordna rifużjoni jew tieħu kwalsiasi miżura u tagħti kwalsiasi ordni biex il-ħsara, jekk tirriżulta, tiġi korretta. Fi kwalunkwe każ, is-soċjeta' intimata ssostni illi kull konsumatur jista', meta jrid, jitlob li jinnegozja jew addirittura jxolji l-ftehim u jinnegozja ftehim ieħor jekk hekk iħossu aktar vantaġġjat.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi ftit jirriżulta illi kienu d-drabi illi l-Qrati tagħna ppronunzjaw ruħhom fuq dan il-provvediment tal-liġi, u jidher illi d-darba illi sar dan, fil-proċeduri **DG (Affarijiet tal-Konsumatur) vs Christian Borg et,** deċiż fil-25 ta' Settembru 2019, il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi fattwali ta' dak il-każ, qalet hekk:

> *Il-Qorti wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet filwaqt illi tqis illi ghal hrug ta' tali mizuri skond l-art 12E tal-KAP 378 jehtieg urgenza fis-sens illi jekk ma jinhargux il-mizuri ser ikun hemm il-potenzjalita' realistika ta' hsara kbira lill-konsumaturi, din il-qorti tqis illi f'dan il-kaz il-mizuri mitluba mhux proprorzjonati ghall-ilmenti maghmula. B'dan kollu dan bl-ebda mod ma jfisser li l-agir tal-intimati bil-kundizzjonijiet tal-kuntratti ta' kiri taghhom u l-agir taghhom mal-konsumatur, ma hux jew ma jistghax ikun agir li jisthoqqlu jitrazzan minn din il-qorti fis-sede opportune skond il-ligi.*

Magħruf għalhekk dak li tgħid il-liġi u dak illi tgħallimna l-ġurisprudenza, anke jekk limitata, din il-Qorti trid tevalwa, fic-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, jekk jissussistux ż-żewġ elementi li trid il-liġi, ossia, l-urġenza, u intrinsikament marbuta magħha, il-potenzjali riskju ta' ħsara mmedjata u serja lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi. Iżżid tgħid illi minħabba dak li tkompli tgħid il-liġi, huwa opportun illi l-Qorti tara ukoll jekk il-miżura mitluba hijiex proprorzjonata.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-Qorti ma tqis illi mill-provi prodotti u mis-sottomissjonijiet magħmula, jirriżultaw l-estremi li trid il-liġi sabiex hija tkun tista' takkolji t-talbiet imressqa.

Qabel xejn tqis illi r-rikorrent qed jitlob miżura intermedja partikolari, ossia, - illi minnufih u għal dak il-perjodu stabbilit, is-soċjeta' intimata tiġi ordnata tagħti l-għażla lill-konsumaturi kollha konċernati (li ma ngħatawx l-opportunita' li jkollhom l-iskont fil-prezz).

Jibda biex jingħad illi fil-prinċipju u b'mod ġenerali, l-għoti ta' skont lill-konsumatur għandha tkun fil-prerogattiva u d-diskrezzjoni tas-*service provider*. Li dik id-diskrezzjoni u prerogattiva tintuża b'mod diskriminatorju jew b'nuqqas ta' diliġenza professjonali, jew toħloq distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika, jew tingħata b'tagħrif falz jew prattika kummerċjali qarrieqa – dak imbagħad jispetta lid-DG rikorrenti sabiex jinvestiga, u jagħmel sewwa, u jekk isib illi hemm

element jew elementi minn dawn imsemmija jew oħrajn illi l-liġi ma tippermettix, allura jieħu l-passi.

Il-Qorti tqis illi jkun prematur illi hija tordna lill-konsumaturi kollha sabiex jingħataw skont illum, gjaladarba għadu mhux stabbilit illi effettivament il-mod kif inghataw l-iskonti fil-każ odjern jinkwadraw f'waħda jew aktar mill-imsemmija prattiċi lleċiti. Jekk u meta jkun il-waqt illi s-sede opportuna tistabilixxa dan – allura mbagħad jittieħdu l-miżuri neċessarji.

Għalhekk, filwaqt illi l-Qorti ma tilqax ir-raġuni mogħtija mis-soċjeta' intimata għaliex ma hemmx urġenza – ossia illi t-tariffi ġodda ġja daħlu fis-seħħ - il-Qorti xorta waħda ma tqisx illi hemm l-urġenza li trid il-liġi, anke għaliex, fil-każ odjern irid jingħad illi anke jekk it-tariffi l-ġodda daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2024, minn dak li ġie sottomess waqt it-trattazzjoni finali, jirriżulta illi kull konsumatur għadu jista' jitlob skont. Mhux biss, imma ukoll illi jekk il-konsumatur ma jkunx kuntent, allura jista' jwaqqaf is-servizz, anzi, jista' anke jerġa' jikkuntratta servizz ġdid mal-istess soċjeta' intimata b'kundizzjonijiet negozjati.

Filwaqt illi din il-Qorti mhix u ma tridx illi dak li jingħad hawnekk jitqies jew jiġi interpretat illi jista' jitqies espressjoni fuq il-mertu tal-investigazzjoni li qed titmexxa mid-DG rikorrent jew aktar minn hekk, eventwali proċeduri legali – għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri jingħad biss illi l-Qorti għalhekk mhix konvinta illi hemm l-urġenza.

Di piu', lanqas ma tista' tkun konvinta illi hemm riskju ta' ħsara mmedjata u serja lill-konsumaturi. Il-Qorti tqis illi jekk u fl-eventwalita' illi d-DG (Affarijiet tal-Konsumatur) jiddeċiedi illi hemm biżżejjed każ sabiex jieħu proċeduri legali ulterjuri, huwa dejjem jista' jitlob rimedji fattibbli u konkreti sabiex kwalsiasi ħsara li tista' tirriżulta f'każ illi dik is-sede tiddeċiedi illi l-pożizzjoni meħuda mid-DG għandha mis-sewwa u s-soċjeta' intimata ma' għandhiex kontestazzjoni valida, tiġi rimedjata. Għaldaqstant tqis illi anke kieku hemm riskju għall-konsumatur minħabba potenzjal prattika kummerċjali lleċita u/jew unetika da parti tas-soċjeta' intimata, gjaladarba jista' jkun hemm rimedji effettivi x'jingħataw, allura l-Qorti ma tqis illi r-riskju ta' ħsara huwa mmedjat u serju biżżejjed biex il-Qorti tilqa' t-talbiet mitluba fit-termini ta' dak li trid il-liġi għall-proċeduri bħal dawn.

Ukoll għaliex il-Qorti ma tqisx illi dak mitlub bħala rimedju intermedju huwa fil-fatt proporzjonali – tqis illi għandha mis-sewwa s-sottomissjoni tas-soċjeta' intimata fis-sens illi jekk tiġi milqugħa t-talba kif magħmula – allura l-Qorti tkun qed tenforza skont u tneħħi d-diskrezzjoni tas-*service provider*, diskrezzjoni li

għadha qed tiġi skrutinata fil-kuntest hawn fuq riferit, u dak ikollu effett perpetwu. Ċertament illi dak ma jistax jitqies proporzjonat.

Il-Qorti trid b'danakollu tgħid illi din id-deċiżjoni b'ebda mod m'għandha xxekkell il-ħidma tad-Direttur Ġenerali rikorrenti illi ġjaladarba, bħala awtorita' kompetenti, iħoss illi jista' jkun hemm prattika żbaljata addottata, allura huwa fl-obbligu tiegħu illi jinvestiga kif fil-fatt qed jagħmel, u għandu jassigura illi tali investigazzjoni ma ttulx inutilment sabiex il-mertu jitressaq, jekk hekk għandu jkun, quddiem is-sede kompetenti, sabiex ikun hemm deċizjoni mingħajr dewmien inutili.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qed tgħaddi biex tiddeċiedi dwar it-talba tad-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) għal miżura intermedja billi <u>tiċħad</u> it-talbiet tad-Direttur Ġenerali rikorrent.

L-ispejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Diġriet mogħti *in camera*, illum, l-Erbgħa, 11 ta' Settembru 2024.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**